# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Frar, 2000

**Citazzjoni numru : 112/1999 G1 (PC)**

**Theresa Xerri .**

**Vs**

**Tereza Bugeja, u**
**Alfred Gerada .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet :**

**Illi f'diversi perjodi ta' zmien u cioe' bejn Lulju u Awissu 1998, hija kienet silfet lill-konvenuta, Tereza Bugeja diversi somom ta' flus, li b'kollox jammontaw ghas-somma totali ta' erbat elef u tlett mitt lira (LM4300) ;**

**Illi dina s-somma ta' flus giet mislufa mill-attrici lill-konvenuta, Tereza Bugeja minghajr imghax, ghar-raguni illi l-istess konvenuta Tereza Bugeja infurmat lill-attrici li dawna l-flus kienu sejrin jigu utilizzati mill-Arcipriet tal-Knisja tal-Katidral u bil-kundizzjoni espressa illi dana l-ammont kellu jigi rifuz fiz-zmien sitt (6) xhur ;**

**Illi l-attrici kienet kostretta li tissellef minghand il-Mid-Med Bank Ltd bl-imghaxijiet bankarji parti mis-somma mislufa lill-konvenuta, Tereza u precizament hija ssellfet is-somma ta' seba' mitt lira (LM700) ;**

**Illi sussegwentement irrizulta lill-attrici, mill-informazzjoni li tatha l-istess Tereza Bugeja illi realment dawna l-flus ma kienux ghal Arcipriet tal-Knisja tal-Katidral, imma kienu intenzjonati u kienu ittiehdu mill-konvenut l-iehor Alfred Gerada u li l-istess ammont ta'**

**flus kienu gew utilizzati minnu ghal skopijiet personali tieghu u cioe' biex jixtri karrozza ;**

**Illi ghalhekk l-ammont ta' erbat elef u tlett mitt lira (LM4,300) gew mehuda minghand l-attrici b'qerq u b'iongann u l-konvenuti ghalkemm gew interpellati anki ufficjalment sabiex jirrifondu lill-attrici l-ammont kollu ta' erbat elef u tlett mitt lira (LM4,300) dawna baqghu inadempjenti .**

**Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-onorabbli Qorti;**

**1. tiddikjara illi l-istess attrici hija kreditrici tal-konvenuti jew ta' min minnhom fis-somma ta' erbat elef u tlett mitt lira (LM4,300) ;**

**2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew lil min minnhom sabiex jirrifondu lura lill-attrici s-somma ta' erbat elef u tlett mitt lira (LM4,300) mislufa lilhom b'qerq u b'ingann bl-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ufficjali u cioe' mill-ewwel (1) ta' Gunju, 1999 .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta' Gunju, 1999, u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid fl-istess ismijiet, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni minn issa debitament imharrka .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-parti tal-attrici debitament ikkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuti Tereza Bugeja u Alfred Gerada, liema riferti jgibu d-data tat-3 ta' Awissu, 1999 . Innutat illi l-istess konvenuti baqghu kontumaci, u ma pprezentaw l-ebda nota ta' eccezzjonijiet ghal din il-kawza .**

**Rat in-nota ta' l-attrici pprezentata llum stess illi biha rriduciet it-talba attrici ghas-somma ta' erbat elef u mitejn lira (LM4,200), stante l-pagament ghas-somma ta' mitt lira fil-mori tal-kawza .**

**Semghet ukoll lill-istess attrici tikkonferma bil-gurament taghha illi hija ghandha tiehu minghand il-konvenuti s-somma ta' erbat elef u mitejn lira maltija (LM4,200), kif spjegat fic-citazzjoni .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u billi jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici kif ridotti, u**

**tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ihallsu s-somma ta' erbat elef u mitejn lira (LM4,200) lill-attrici .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-ewwel (1) ta' Gunju, 1999, u tal-mandat Kawtelatorju ta' qbid fl-istess ismijiet, bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali, u cioe' mill-ewwel (1) ta' Gunju, 1999, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
S11299Pc
(612 words)